# Fil-Qorti tal-Magistrati Malta

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A., LL.M(Kent)., LL.D**

**Illum 19 ta' Settembru 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs.**

**Terence Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Terence Micallef ta 28 sena , iben Lwrence u Susanne nee Pace, imwieled l-PIETA ,Malta nhar il 20/02/2019 residenti Sapphire Crt Falt, 2, Triq il-Kartaginizi, Birzebbugia detentur tal-karta tal-identitia numru 01313691 (M)

U Nakkuzah talli nhar il-25 ta' Lulju 2019 u/ jew fil –jiem ta qabel gewwa l-fond Sappphire Crt flat 2, triq il-Karta ginizi , B'Bugia u /jew fl-inhawi ohra fil-gzejjer Maltin

1) Minghajr il-hsieb li joqtol li jtqied il-hajja ta' Loriana Galea fiol-periklu car, ikkaguna ferita tqa natura hafiifa fuq il-persuna ta Loriana Galea , liema persuna hija l-ex mahbuba ta Micallef, hekk kif iccertika Dr. Calleja Stafraz( Numru ta ; registarzzjoni medika 3800) u dan bi ksur tal-artikoli 221(1) , 222(1) (a) u 2025 (h) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

2) Nakkuzah ukoll ta nhar it 28 ta Lulju 2019 , fil jjiem ta qabel., gewwa il-gzejjer Maltin gab ruhu b mod li ta fastidju lil Loriana Galean u dan bil-ksur ta l-artikolu 25 1A(1) A, (4)

3) Nakkuzah ukoll talli nhar it -28 ta'Lulju 2019 u7 fil jiem ta qabel, gieghel lil Loriana Galea li tibza li l –vjolenza se tintuza kontrija jew kontra il-propjeta taghha u dan bil-ksur tal-Art.251B(1) tal – Kap. (9) tal –ligijiet ta' Malta .

4) Nakkuzah ukolli talli fi 28 ta Lulju 2019 u fil-jiem ta qabel, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizzorji impost mill-qorti Kriminali (Malta) preseduta mill-Mag,. Dr.Antionuio Micallef Trigona LL.D. nhar l-147 ta Awissu 2015, f dan illi ma jikkomtix reat iehor u dan kontra il-limitazzjonijiet impost f dab id-digriet, bil-ksur ta l-artikolu 579(2) tal-ligijiet ta Malta.

Il-qorti hija mitluba li fil-kaz ta htija, tirrevoka il-helsien mill-arrest ta l-imsemmi Terence Micallef, u tordna l-arrest mill-gdid tal – imsemmi imputat kif ukoll is somma ta elf euro f depozitu if ukoll ta erba t'elef euro, bhala garanzija imposti fuqu jghqddu favur il-gvern ta Malta, kif stipulat fl-artikolu 579 (2)(3) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

5) Naqqas li jobdi l-ordinijiet legittimi li moghtija lilu mill-Ispettur Roderick Attard, ufficjal publiku waqt li kien qed jaqdi id-doveri tieghu. U dan bi Ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

6) Nakkuzah ukoll talli nahr is 27 ta Lulju 2019 ghal habta ta tlieta 15:00 hrs gewwa il-gzejjer Maltin ghamel lil Loriana Galea injuri jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f da nil-kodici, jew jekk kien iprovokat, ingurja b mod li johrog barra mil-limitu tal-provkazzjoni u dan bi ksur tal –Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 ntal-ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta'protezzjoni a) favur ta Loriana Galeaai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9n tl-ligijiet ta Malta kemm waqt il-mori tal-Kawza kif ukoll fil kaz ta htija ma kull piena li l-Onorabli Qorti jidrilha xierqa.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz immur lura ghal nhar il-25 ta' Lulju 2019 ghall-habta tal-22.30hrs meta l-pulizija gew infurmati minn certu Loriana Galea li tinstab imbezza mil-ex *partner* taghha, l-imputat Terrence Micallef. Illi l-allegat vittma Loriana Galea kellhom xi jghidu flimkien, ried ikecciha mid-dar, beda jifastidja u jheddidha li jaghmel hsara fuq il-karozza taghha, hadilha l-mobile u mbuttaha fuq is-sufan gewwa r-residenza tieghu. Susegwentement Loriana Galea tablet ghal iktar ghajnuna minhabba li kien qed issegwiha u jipprova ikellimha. Ilementat ukoll li kien tah xi daqqa u li kienet qieghda tibza minnu.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta ta' nhar id-19 ta' Settembru 2019, Loriana Galea idikkjarat li ma tridx tixhed kontra l-imputat stante illi tixtieq tahfirlu u dan ukoll minhabba l-fatt li ghandhom il-hsieb li jghixu flimkien peress li ghandhom tfal minn xulxin.

Illi f'dan l-istadju, wara d-dikjarazzjoni tax-xhud Loriana Galea, l-imputat hekk kif kien assistit irregistra amissjoni ghal hames (5) akkuza dedotta fil-konfront tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissioni tiegħu għall-imputazzjoniji kontestata lilu, inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibu ħati u tikkonudannah għal piena li tista' tkun anke waħda ta' detenzjoni jew pieni oħra statutorji. Il-Qorti, wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, semgħat lill-imputat ittenni li huwa ħati tal-imputazzjoniji miġjuba kontrih.

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghal hames imputazzjoniji migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2019 din il-Qorti jkollha issibu hati tal-kontravenzjoni addebitat lilu u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Illi fir-rigward l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u s-sitt imputazzjoni l-prosekuzzjoni ma resqet ebda provi ohra u ghaldaqstant fuq nuqqas ta' provi il-Qorti ma tistax issib htija.

## Decide

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni qeghda ssib lil imputat Terence Micallef hati tal hames (5) imputazzjoni dedotta kontrih u tikkundannah ammenda ta' hamsin Euro (€50).

Illi fir-rigward l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u s-sitt imputazzjoni l-Qorti ma ssibux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum id-19 ta' Settembru 2019 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**